Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Kartik Kumar	442939A	St George's Park Hotel, Triq id-Dragunara, San Ġiljan
Bilal Ahmed Butt	430715A	16, Flat 3A, Triq Giovanni Bonavia, Ħal Luqa
Orhan Maksutov	420120A	12, Mayflower, Flat 16, Triq il-Ħatab, San Pawl il-Baħar
Jake Grech	138705L	93, Hyacinth, Triq Karmenu Camilleri, Ħal Qormi
Janice (Joan) Farrugia	262771M	8, Shakaina Light, Triq il-Wilġa, Ħal Luqa
Kurt Scicluna	101794M	16, Triq Antonio u Maria Cumbo, Il-Fgura
John Farrugia	387671M	8, Shakaina Light, Triq il-Wilġa, Ħal Luqa
Jaiprakash Saini	411467A	5, Triq il-Gżira, Birżebbuġa
Talwinder Singh	218860A	297, Deluxe Apts, Flat 1, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta
Veljko Zdravkovic	439612A	81, Helmajoe, Flat 2, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar
Anil Ananchu	325728A	M&M Court, Flat 4, Triq San Ġorġ, Raħal Ġdid
Rupert Schembri	280278M	16, Tassel Takeover, Triq Tumas Dingli, Ħaż-Żebbuġ
Suraj Panth Chhetri	366766A	Luckim, Triq Tal-Qattus, Ħal Għaxaq
Ruth Xuereb	128464M	3, Brug, Flat 1, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Birkirkara
Kiran Kumar Kashaveni	440102A	Broadline, 6, Floor 2, Flat 6, Triq San Tumas, Ir-Rabat
Ashid Mukhtiar	446506A	10, Jocar Flats, Flat 1B, Triq il-Progress, Birżebbuġa
Dinaraj Divakaran	417268A	63, Dragmar, Triq il-Katlan, Ħ'Attard
Sandra Micallef	296383M	11, Rustica, Triq il-Għollieq, Il-Fgura
Matthew Tanti	260192M	109, Aphrodite, Triq Ħal Dwin, Ħaż-Żebbuġ
Jean Pierre Cauchi	594185M	1, Triq Eldorado, Il-Ħamrun
Sijil Kaikottil Vasu	374556A	26, Daniel's, Triq Apap Bologna, Marsaskala
Nicholas Axiaq	104684M	170, Qalb ta' Marija, Triq il-Bronja, Iż-Żurrieq
Ronald Cucciardi	6276M	13, St Joseph, Triq San Xmun, Il-Fgura
Zakkarija Gauci	145406L	137, Nai Paul, Flat 1, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi
Shahroz Khan	442162A	High End Apts, Flat 70, Triq Edgar Bernard, Il-Gżira
Nigen Pirotta	394603L	8, Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi
Hafiz Abdul Sadam	343361A	Mari, Triq San Tumas, Ħal Safi
Davide Pio Cauchi Pace	202305L	27, Triq Blackley, Tal-Pietà
Lucas Leonardo Pinheiro Dos Santos	450492A	42, Opal Crt, Flat 6, Triq il-Kunzar, L-Imsida

Lila Prasad Ghale	442075A	7, Triq Joseph Zammit Tabona, Tal-Pietà
Mattia Sorrentino	410121A	Rummien Cr, Flat 3, Triq il-Kunċizzjoni,Il-Qala, Għawdex
Lettona Thomas	306924A	23A, Triq il-Karmnu, Ħal Luqa
Lavdosh Palloshi	225689A	Carolina, Flat 8, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar
Richard Angelo Sant	527394M	Marie Lewis, Triq it-Torri, Ta' Kerċem, Għawdex
Goran Prodanovic	230012A	157, Central Suites, Flat 1, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Ġiljan
Sunil Chadha	320572A	55, Flat 5, Triq l-Imrabat, Tas-Sliema
Devimaya Subedi	394933A	51, Triq Antonio Bosio, L-Imsida
Kiran Prabhakaran Pillai	292599A	1, Triq il-Papa Alessandru VII, Ħal Balzan
Melchior Falzon	103491M	Bay Point Res., Blk A, Flat 6, Triq is-Sajjied, Iż-Żebbuġ Għawdex
Wilfred Brincat	192675M	Yanika, Flat 1, Triq il-Knisja, L-Imsida
Saichand Koppera	442280A	28, Giżimina Flat's, Flat 1, Triq l-Imdina, Ħal Kirkop
Mudassar Aslam	443385A	Sitio Malta, Triq Santa Margerita, San Ġwann
Louis Grech	4705H	Blk D, Flat 6, Triq taċ-Ċawla, Ir-Rabat, Għawdex
Charles Micallef	158786M	19, Merħba, Triq il-Kurunell Mas, Ħal Tarxien
Ramonso Jr Almirol Villa	392198A	126, Flat 3, Triq in-Naxxar, Birkirkara
Saviour Zarb	190369M	9, Sqaq l-Imrieħel, Birkirkara
Josef Abdilla	163984M	102, Sta Marija, Triq San Pawl, Iż-Żurrieq
Jagat Shrestha	418124A	2, Giorgio Crt, Flat 3, Triq il-Qanpiena, Birkirkara
Lakpa Gurung	337014A	10, Scorfna, Triq Ħal Tarxien, Ħal Luqa
Kushal Tamang	344419A	214, Hamadi Court, Flat 4, Triq l-Imdina, Ħal Qormi
Shiv Kumar Sharma	442073A	Alemanda House, Triq Tal-Qattus, Ħal Għaxaq
Vukasin Rankovic	403772A	Blue Coral, Blk D, Flat 3, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar
Sheridan Frendo	396404L	110, Triq il-Bażilika, Il-Mosta
Shalik Ram Wagle	442078A	131, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun
Habib Ur Rehman	440436A	Happy 2, Triq Clarence, L-Imsida
Jovan Pavlovic	377452A	Sunhaven Apt, Flat 6, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Baħar
Ganesh Bahadur Thapa Magar	389820A	7B, Flat 7, Sqaq il-Ġerrejja, Il-Marsa
Ramhari Gautam	382542A	Blk 6, Flat 4, Triq il-Fosos, Il-Furjana
Raymond Grech	149361M	54, Edray, Flat 1, Triq Domenico Cachia, Birkirkara
Joseph Shibt	420843A	145, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary

il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

6th August, 2024

Nru. 1014

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1014

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.8.2024	€72.973	€0.858

Is-6 ta' Awwissu, 2024

6th August, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 186

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li

POLICE NOTICE

No. 186

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets

ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Birgu

Mill-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024 fis-6.00 a.m. sal-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024 fit-3.00 a.m. minn Triq San Lawrenz, Xatt il-Forn u Xatt ir-Risq.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-11.00 a.m. sa nofsillejl.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024, minn nofsinhar sas-2.00 a.m., u nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, minn nofsinhar sas-2.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp se tkun magħluqa.

Għeluq u clearance ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mosta

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas- 2.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni lejn il-pjazza. Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sas-2.00 a.m., Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni lejn il-pjazza (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). It-traffiku minn Triq il-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq għat-traffiku. Se jiġi affettwat it-trassport pubbliku;

Nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni direzzjoni lejn il-Pjazza (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku. It-traffiku mill-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq. Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit f'parti minn Triq il-Kbira (sa Triq il-Ġnejna), Triq il-Ġnejna, Misraħ Brittanja, il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ċejlu Tonna, Triq Callus, Triq l-Għarusa tal-Mosta, Triq Xorxa, Triq Grognet u Triq San Ġwann;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni Mosta (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku. It-traffiku mill-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq direzzjoni pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku se

mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Vittoriosa

From Wednesday, 7th August, 2024 at 6.00 a.m. till Thursday, 8th August, 2024 at 3.00 a.m. through Triq San Lawrenz, Xatt il-Forn and Xatt ir-Risq.

Public transport shall be affected from 11.00 a.m. till midnight.

Ħamrun

On Thursday, 8th August, 2024, from noon till 2.00 a.m., and on Saturday, 10th August, 2024, from noon till 2.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp will be closed.

Closure and clearance of streets and public transport will be affected.

Mosta

On Friday, 9th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction towards the square. Public transport will be affected;

On Friday, 9th August, 2024, from 3.00 p.m. sas-2.00 a.m., Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic direction towards the square (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Triq il-Bażilika till Pjazza Rotunda will be closed for traffic. Public transport will be affected;

On Saturday, 10th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction towards the square. Traffic from the Basilica till Pjazza Rotunda will be closed for traffic. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Sunday, 11th August, 2024, from 4.00 p.m. till 11.30 p.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited in part of Triq il-Kbira (till Triq il-Ġnejna), Triq il-Ġnejna, Misraħ Brittanja, il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ċejlu Tonna, Triq Callus, Triq l-Għarusa tal-Mosta, Triq Xorxa, Triq Grognet and Triq San Ġwann;

On Sunday, 11th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., from Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic. Traffic from the Basilica till Pjazza Rotunda will be closed direction Pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic (from

tkun magħluqa għat-traffiku (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit fi Triq il-Bażilika, Triq Stivala, Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq Ponsonby, Triq Callus, Triq il-Kungress Ewkaristiku u parti minn Triq il-Kbira;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda. It-traffiku mill-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq direzzjoni Pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit f'parti minn Triq il-Kungress Ewkaristiku (minn Triq Anġlu Gatt sa Pjazza Rotunda) u parti minn Triq il-Kbira;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m., Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda. It-traffiku mill-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq għat-traffiku dieħel lejn Pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku dieħel lejn Pjazza Rotunda (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mis-6.45 p.m. sad-9.00 p.m., parti minn Triq il-Pont, Triq Baskal Buhagiar, Triq il-Biċċerin u Triq il-Bażilika se tkun magħluqa għat-traffiku;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sal-11.30 p.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit Triq it-Torri (minn Triq l-Oratorju sa Triq il-Kungress Ewkaristiku) u Triq il-Kungress Ewkaristiku sa Pjazza Rotunda;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda. Triq il-Bażilika għal Pjazza Rotunda se jkunu magħluqa għat-traffiku. Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni għal Pjazza Rotunda (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-10.30 a.m. sas-1.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni pjazza Rotunda. Triq il-Kostituzzjoni (minn Triq Nicolò Isouard Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Monday, 12th August, 2024, from 4.00 p.m. till 11.30 p.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited in Triq il-Bażilika, Triq Stivala, Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq Ponsonby, Triq Callus, Triq il-Kungress Ewkaristiku and part of Triq il-Kbira;

On Monday, 12th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda. Traffic from the Basilica till Pjazza Rotunda will be closed direction Pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 6.00 p.m. till 1.00 a.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited in part of Triq il-Kungress Ewkaristiku (from Triq Anġlu Gatt till Pjazza Rotunda) and part of Triq il-Kbira;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda. Traffic from the Basilica till Pjazza Rotunda will be closed for incoming traffic towards Pjazza Rotunda. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for incoming traffic towards Pjazza Rotunda (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 6.45 p.m. till 9.00 p.m., part of Triq il-Pont, Triq Baskal Buhagiar, Triq il-Biċċerin u Triq il-Bażilika will be closed for traffic;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 3.00 p.m. till 11.30 p.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited Triq it-Torri (from Triq l-Oratorju till Triq il-Kungress Ewkaristiku) and Triq il-Kungress Ewkaristiku till Pjazza Rotunda;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 6.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda. Triq il-Bażilika towards Pjazza Rotunda will be closed for traffic. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic direction towards Pjazza Rotunda (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Thursday, 15th August, 2024, from 10.30 a.m. till 1.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard till the square) will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda. Triq il-Kostituzzjoni (from Triq Nicolò Isouard

sal-pjazza) se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda. Triq il-Bażilika sa Pjazza Rotunda se jkun magħluq għat-traffiku. Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa għat-traffiku direzzjoni Pjazza Rotunda (minn Triq it-Torri sa Pjazza Rotunda). Se jiġi affettwat it-trasport pubbliku;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.00 a.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit fi Triq il-Kungress Ewkaristiku (minn Triq it-Torri) sal-pjazza;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sal-11.30 p.m., projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk u għalhekk it-traġitt u l-parkeġġ tal-vetturi huwa pprojbit fi Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Ġnejna, Pjazza Brittanja, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġlormu Cassar, Triq Gafà u Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Il-Gudja

Nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, mill-pjazza, Triq Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet Anġlu Dalli, Triq il-Kbira, Triq Raymond Caruana, Triq il-Lunzjata u Triq Santa Marija;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mill-4.30 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq l-Awrekarja, Triq il-Palma, Triq Ta' Xlejli, Triq Għelejjel, Triq San Ċiru, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq l-Annunzjata, Triq Raymond Caruana, Pjazza Ġilormu Dalli, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq San Mark u Triq Ġlormu Cassar;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mill-4.30 p.m. san- 00.30 a.m., minn Triq Raymond Caruana, Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq F. Castagna, Vjal it-Torri, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kappillan, Triq William Baker, Triq Pietro Cagliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq San Mark, Triq Ġilormu Cassar u Triq il-Kbira;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mill-4.30 p.m. san-00.30 a.m., mill-pjazza, Triq il-Kbira, Triq Anġlu Dalli, Triq Ħal Resqun, Triq De Warsberg, Triq Bir Miftuħ, Triq Pietro Gagliardi, Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata u Triq Raymond Caruana;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m., sal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq Raymond Caruana u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-5.00 a.m. sal-4.00 p.m., minn Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq Filippu Castagna, Vjal it-Torri, Triq Raymond Caruana, Triq William Baker, Triq P.Cagliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq San Pawl, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq iż-Żebbuġa, Triq Anġlu Dalli, Triq il-Kbira, Triq il-Lewż, Vjal it-Torri, Triq Santa Marija u Triq il-Lunzjata.

till the square) will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda. Triq il-Bażilika till Pjazza Rotunda will be closed for traffic. Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed for traffic direction Pjazza Rotunda (from Triq it-Torri till Pjazza Rotunda). Public transport will be affected;

On Thursday, 15th August, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 a.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited in Triq il-Kungress Ewkaristiku (from Triq it-Torri) till the square;

On Thursday, 15th August, 2024, from 3.00 p.m. till 11.30 p.m., parking is prohibited and there will be a towing zone and therefore transit and parking of vehicles is prohibited in Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Ġnejna, Pjazza Brittanja, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġlormu Cassar, Triq Gafà and Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Gudja

On Saturday, 10th August, 2024, from 3.00 p.m. till midnight, through the square, Triq Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet Anġlu Dalli, Triq il-Kbira, Triq Raymond Caruana, Triq il-Lunzjata and Triq Santa Marija;

On Sunday, 11th August, 2024, from 4.30 p.m. till 00.30 a.m., through Triq l-Awrekarja, Triq il-Palma, Triq Ta' Xlejli, Triq Għelejjel, Triq San Ċiru, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq l-Annunzjata, Triq Raymond Caruana, Pjazza Ġilormu Dalli, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq San Mark and Triq Ġlormu Cassar;

On Monday, 12th August, 2024, from 4.30 p.m. till 00.30 a.m., through Triq Raymond Caruana, Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq F. Castagna, Vjal it-Torri, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kappillan, Triq William Baker, Triq Pietro Cagliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq San Mark, Triq Ġilormu Cassar and Triq il-Kbira;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 4.30 p.m. till 00.30 a.m., through the square, Triq il-Kbira, Triq Anġlu Dalli, Triq Ħal Resqun, Triq De Warsberg, Triq Bir Miftuħ, Triq Pietro Gagliardi, Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 6.00 a.m., till Thursday, 15th August, 2024, at 1.00 a.m., through Triq Raymond Caruana and Triq il-Kbira;

On Thursday, 15th August, 2024, from 5.00 a.m. till 4.00 p.m., through Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq Filippu Castagna, Vjal it-Torri, Triq Raymond Caruana, Triq William Baker, Triq Pietro Gagliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq San Pawl, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq iż-Żebbuġa, Triq Anġlu Dalli, Triq il-Kbira, Triq il-Lewż, Vjal it-Torri, Triq Santa Marija and Triq il-Lunzjata.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m sa nofsinhar, minn Triq il-Ħaġġarija;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, minn 00.30 a.m., sal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq Ninu Cremona;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sas-1.30 a.m., minn Triq ir-Repubblika, Triq l-Exchange u Triq Fortunato Mizzi;

Nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, mis-1.00 a.m., sal-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, fis-7.00 a.m., minn Triq Fortunato Mizzi, Triq ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza;

Nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, minn nofsinhar, sal-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Ninu Cremona, Triq l-Ewropa, Triq J. F. Kennedy, Triq San Anard u Triq il-Ħaġġarija;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mis-7.30 p.m. sas-1.30 a.m., miz-zuntier tal-knisja tal-Kapuċċini, Triq il-Kapuċċini, Triq Patri Manuel Magri, Triq Dirjanu Lanzon, Triq Sir Luigi Camilleri, Triq l-Exchange u Triq ir-Repubblika sal-każin;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m., sal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, fil-11.00 a.m., minn Pjazza Savina;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sas-2.30 a.m., minn Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Mons. Vella, Triq Ta' Gedrin, Triq Sant'Ursola, Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza u Triq ir-Repubblika sa ħdejn il-każin tal-banda;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-7.30 p.m. sas-1.30 a.m., minn Triq ir-Repubblika 'l isfel mill-Każin tal-Banda Leone, Triq ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza u Triq ir-Repubblika sa ħdejn il-każin tal-banda;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mit-3.30 p.m. sas-2.30 a.m., minn Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indpendenza, Telgħa tal-Belt u Pjazza Katidral;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m., sal-Ħamis, 16 ta' Awwissu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq il-Ħaġġarija, Triq il-Kastell, Pjazza Katidral u Telgħa tal-Belt;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sas-2.30 a.m., minn Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli u Pjazza Savina;

Public transport will be affected.

Victoria

On Wednesday, 7th August, 2024, from 9.00 a.m till noon, through Triq il-Ħaġġarija;

On Friday, 9th August, 2024, from 00.30 a.m., till Thursday, 15th August, 2024, at 1.00 a.m., through Triq Ninu Cremona;

On Friday, 9th August, 2024, from 6.00 a.m. till 1.30 a.m., through Triq ir-Repubblika, Triq l-Exchange and Triq Fortunato Mizzi;

On Saturday, 10th August, 2024, from 1.00 a.m., till Sunday, 11th August, 2024, at 7.00 a.m., through Triq Fortunato Mizzi, Triq ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza;

On Saturday, 10th August, 2024, from noon, till Sunday, 11th August, 2024, at 1.00 a.m., through Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Triq Ninu Cremona, Triq l-Ewropa, Triq J. F. Kennedy, Triq San Anard and Triq il-Ħaġġarija;

On Sunday, 11th August, 2024, from 7.30 p.m. till 1.30 a.m., through Kapuċċini church parvis, Triq il-Kapuċċini, Triq Patri Manuel Magri, Triq Dirjanu Lanzon, Triq Sir Luigi Camilleri, Triq l- and Triq ir-Repubblika till the band club;

On Monday, 12th August, 2024, from 6.00 a.m., till Thursday, 15th August, 2024, at 11.00 a.m., through Pjazza Savina;

On Monday, 12th August, 2024, from 7.00 p.m. till 2.30 a.m., through Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Mons. Vella, Triq Ta' Gedrin, Triq Sant'Ursola, Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika till near the band club;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 7.30 p.m. till 1.30 a.m., through Triq ir-Repubblika downwards from Leone Band Club, Triq ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika till near the band club;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 3.30 p.m. till 2.30 a.m., through Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indpendenza, Telgħa tal-Belt and Pjazza Katidral;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 4.00 p.m., till Thursday, 16th August, 2024, at 1.00 a.m., through Triq il-Ħaġġarija, Triq il-Kastell, Pjazza Katidral and Telgħa tal-Belt;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 7.00 p.m. till 2.30 a.m., through Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli and Pjazza Savina;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sat-3.30 p.m., minn Triq Sir M. A. Refalo, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Alfons Marija Hili, Triq il-Karità, Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Trejqet is-Suq u Pjazza Indipendenza;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sas-2.30 a.m., miċ-ċentru tal-parroċċa, Pjazza Katidral, Triq Sir M.A. Refalo u Pjazza Indipendenza;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-4.45 p.m. sas-2.30 a.m., mit-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Telgħa tal-Belt u Pjazza Katidral;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq Sir M. A. Refalo, Pjazza Indipendenza, Telgħa tal-Belt u Pjazza Katidral.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Birgu

Mill-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, fis-6.00 a.m., sat-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira;

Mit-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2024, fis-6.00 a.m., sat-Tlieta, 20 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira;

Mit-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2024, fis-6.00 a.m., sal-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq it-Torri ta' San Ġwann;

Mill-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2024, fis-2.00 p.m., sal-Ħamis, 22 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira;

Mill-Ħamis, 22 ta' Awwissu, 2024, fis-2.00 p.m., sal-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq Boffa, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq l-Arċisqof Gonzi, Triq La Vallette u Pjazza tal-Belt Vittoriosa;

Mill-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024, fis-2.00 p.m., sas-Sibt, 24 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira, Triq Boffa, Triq il-Vittmi tal-Polverista, Triq il-Kardinal, Triq Desain u Pjazza tal-Belt Vittoriosa;

Mis-Sibt, 24 ta' Awwissu, 2024, fil-5.00 a.m., sal-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette u Triq Boffa;

On Thursday, 15th August, 2024, from 9.00 a.m. till 3.30 p.m., through Triq Sir M. A. Refalo, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Alfons Marija Hili, Triq il-Karità, Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Trejqet is-Suq and Pjazza Indipendenza;

On Thursday, 15th August, 2024, from 4.00 p.m. till 2.30 a.m., through parish centre, Pjazza Katidral, Triq Sir M. A. Refalo and Pjazza Indipendenza;

On Thursday, 15th August, 2024, from 4.45 p.m. till 2.30 a.m., through Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Telgħa tal-Belt and Pjazza Katidral;

On Thursday, 15th August, 2024, from 4.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq Sir M. A.Refalo, Pjazza Indipendenza, Telgħa tal-Belt and Pjazza Katidral.

Public transport may also be affected.

Vittoriosa

From Sunday, 18th August, 2024, at 6.00 a.m., till Monday, 19th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira;

From Monday, 19th August, 2024, at 6.00 a.m., till Tuesday, 20th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira;

From Monday, 19th August, 2024, at 6.00 a.m., till Sunday, 25th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq it-Torri ta' San Ġwann;

From Wednesday, 21st August, 2024, at 2.00 p.m., till Thursday, 22nd August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira;

From Thursday, 22nd August, 2024, at 2.00 p.m., till Friday, 23rd August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira, Triq Boffa, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq l-Arċisqof Gonzi, Triq La Vallette and Pjazza tal-Belt Vittoriosa;

From Friday, 23rd August, 2024, at 2.00 p.m., till Saturday, 24th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira, Triq Boffa, Triq il-Vittmi tal-Polverista, Triq il-Kardinal, Triq Desain and Pjazza tal-Belt Vittoriosa;

From Saturday, 24th August, 2024, at 5.00 a.m., till Sunday, 25th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette and Triq Boffa;

Mill-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 2024, fil-5.00 a.m., sat-Tnejn, 26 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 a.m., minn Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq Boffa, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq Paċifiku Scicluna u Post is-Sagra Infermerija.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 187

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 95 tal-2024

Iffilmjar bejn l-Imġiebaħ u l-Aħrax tal-Mellieħa – ZIPLINE

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara kollha u lill-pubbliku ġenerali li se jsiru attivitajiet ta' ffilmjar bejn l-Imġiebaħ u l-Aħrax tal-Mellieħa.

L-iffilmjar se jsir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024, mis- 7.00 a.m. sat-8.00 p.m.

L-iffilmjar se jikkonsisti minn bastiment li jgħaddi bejn l-Imġiebaħ u l-Aħrax tal-Mellieħa diversi drabi, inkluż iffilmjar fil-bajja tal-Imġiebaħ.

From Sunday, 25th August, 2024, at 5.00 a.m., till Monday, 26th August, 2024, at 3.00 a.m., through Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Mina l-Kbira, Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq La Vallette, Triq Boffa, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq Paċifiku Scicluna and Post is-Sagra Infermerija.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th August, 2024

POLICE NOTICE

No. 187

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħad-Dingli

On Sunday, 18th August, 2024, from 3.00 p.m. onwards, no parking through Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

6th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 95 of 2024

Filming between Mġiebaħ and l-Aħrax tal-Mellieħa – ZIPLINE

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and the general public that filming activities will take place between Mġiebaħ and l-Aħrax tal-Mellieħa.

The filming will take place on Wednesday, 7th August, 2024, from 7.00 a.m. till 8.00 p.m.

The filming will consist of a vessel transiting between Mġiebaħ and l-Aħrax tal-Mellieħa several times, including filming within Mġiebaħ bay.

Bħala parti minn dan l-iffilmjar se jitneħħa l-ħabel li jindika żona tal-għawwiema matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Filwaqt li jitneħħa l-ħabel taż-żona tal-għawwiema, iż-żona xorta trid tiġi kklassifikata bħala żona tal-għawwiema u l-ebda bastiment minbarra dawk awtorizzati minn Transport Malta mhu se jitħalla jidħol fiż-żona. RHIB tal-infurzar marittimu se jkun qed jagħmel ronda fiż-żona u se jibqgħu r-restrizzjonijiet kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 30 tal-2024 'Żoni riservati għall-għawwiema f'Malta u Għawdex – 2024', inkluż f'din iż-żona.

Il-baħħara u l-pubbliku ġenerali għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jikkooperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar fuq il-post.

Il-baħħara għandhom ukoll josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF channel 12 minn Valletta VTS u kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211, 2537

Is-6 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 96 tal-2024

Wirja tan-Nar minn Manoel Island – Festa Stella Maris – Tas-Sliema

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar mix-xatt ta' Manoel Island f'Tas-Sliema Creek, iċċentrat fuq il-punti A, B u C kif jidher fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.328	014° 30'.256
B	35° 54'.295	014° 30'.182
C	35° 54'.528	014° 30'.284

Il-logħob tan-nar tal-ajru se jinħaraq mill-punti A u B kif ġej:

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-7.30 p.m. sat-8.15 p.m.,

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sad-9.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., u mill-9.45 p.m. sal-10.30 p.m.,

Nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sad-9.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., mis-6.15 p.m. sas-7.00 p.m., u mid-9.30 p.m. sal-11.30 p.m.,

As part of this filming the rope indicating the swimmer zone will be removed during the above-mentioned date and time.

While the swimmer zone rope is removed the area is still to be classed as a swimmer zone and no vessel apart from those authorised by Transport Malta will be allowed to enter the area. A maritime enforcement RHIB will be patrolling the area and all the restrictions mentioned in Local Notice to Mariners No. 30 of 2024 'Zones reserved for swimmers in Malta and Gozo – 2024' will remain, including in this area.

Mariners and the general public are to note the above and co-operate with the filming crew on site.

Mariners are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 by Valletta VTS and any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 211, 2537

6th August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 96 of 2024

Fireworks Display from Manoel Island – Feast of Stella Maris – Tas-Sliema

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that fireworks will be let off from the foreshore of Manoel Island in Tas-Sliema Creek, centred on points A, B and C as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.328	014° 30'.256
B	35° 54'.295	014° 30'.182
C	35° 54'.528	014° 30'.284

Aerial fireworks will be let off from points A and B as follows:

On Monday, 12th August, 2024, from 7.30 p.m. till 8.15 p.m.,

On Friday, 16th August, 2024, from 9.00 a.m. till 9.20 a.m., from noon till 12.20 p.m. and from 9.45 p.m. till 10.30 p.m.,

On Saturday, 17th August, 2024, from 9.00 a.m. till 9.20 a.m., from noon till 12.20 p.m., from 6.15 p.m. till 7.00 p.m., and from 9.30 p.m. till 11.30 p.m.,

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 a.m. sad-9.20 a.m., minn nofsinhar sa 12.20 p.m., u mis-7.30 p.m. sal- 10.30 p.m.

Se jkun hemm ukoll wirja ta' logħob tan-nar tal-art fin-naħa ta' Tas-Sliema (punt C) li se ssir nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, mill-11.30 p.m., sal-00.15 a.m. tal-Ħadd filgħodu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati li matul il-ħinijiet u fid-dati tal-logħob tan-nar, kif imsemmi hawn fuq, in-navigazzjoni se tkun ipprojbita sa 200 metru mill-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, punt A u punt B u 60 metru mill-punt C, fil-Port ta' Marsamxett kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). L-inġenji kollha rmiġġati fiż-żoni indikati għandhom jitneħħew fid-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq tal-logħob tan-nar.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dak il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jobdu l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

Is-6 ta' Awwissu, 2024

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' Assistent Awditur Ġenerali

Verifiki Finanzjarji u ta' Konformità

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) qed ifittex awditur professjonali u bi kwalifiki għoljin biex jingħaqad mal-oġħla amministrazzjoni tiegħu bħala Assistant Awditur Ġenerali (AAG). Il-persuna magħżula se tkun qed tmexxi t-Taqsima Finanzjarja u ta' Konformità u qed tiġi offruta remunerazzjoni totali ta' pakkett ta' salarju, inklużi benefiċċji sekondarji, ta' aktar minn €60,000 fis-sena.

Fost ir-responsabilitajiet li din il-kariga ġġib magħha hemm:

il-kontroll tal-ippjanar, esekuzzjoni, u t-twettiq ta' verifiki finanzjarji u ta' konformità allinjati mal-għanijiet tal-NAO;

iż-żamma u l-promozzjoni ta' standards ta' kwalità għolja, konformi mal-ISSAIs;

On Sunday, 18th August, 2024, from 9.00 a.m. till 9.20 a.m., from noon till 12.20 p.m., and from 7.30 p.m. till 10.30 p.m.

There will also be a display of ground fireworks on the Sliema side (point C) which will be held on Saturday, 17th August, 2024, from 11.30 p.m., till 00.15 a.m. on Sunday morning.

In view of the above, mariners are informed that during the times and on the dates of the firework displays, as mentioned above, navigation will be prohibited within 200 meters from the above-mentioned positions, point A and point B and 60 meters from point C, in Marsamxett Harbour as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). All craft moored within the indicated areas, are to be removed on the above-mentioned date and times of the firework displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to obey instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officials in the area.

Chart affected: BA 177

6th August, 2024

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Assistant Auditor General

Financial and Compliance Audits

The National Audit Office (NAO) is seeking a highly qualified and professional auditor to join its senior management team as Assistant Auditor General (AAG) for the Financial and Compliance Section. A total remuneration salary package with fringe benefits that exceed an annual salary of €60,000 is being offered.

The job responsibilities include:

managing the planning, execution, and delivery of both financial and compliance audits aligned with NAO's objectives;

maintaining and promoting high-quality standards, compliant with ISSAIs;

is-sorveljenza tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji għall-verifiki finanzjarji u ta' konformità;

il-preparazzjoni u t-twettiq fil-ħin tar-Rapport Annwali tal-Verifika dwar il-Finanzi Pubbliċi u r-Rapport Annwali dwar il-Ħidma tal-Gvern lokali;

il-komunikazzjoni ta' opinjonijiet ta' verifiki u l-preżentazzjonijiet tar-riżultati tagħhom flimkien ma' rakkomandazzjonijiet lill-amministrazzjoni superjuri u lill-partijiet interessati;

il-monitoraġġ u segwiment tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru wara l-verifika;

il-kollaborazzjoni mal-amministrazzjoni superjuri biex tiżgura l-integrazzjoni ta' attivitajiet ta' verifika;

it-tmexxija, konsulenza, u gwida lill-istaff tal-verifika u tippromovi kultura ta' żvilupp professjonali kontinwu fi ħdan is-sezzjoni.

L-applikanti jrid ikollhom lawrja fl-Accountancy rikonoxxuta mill-inqas sal-Livell 6 miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC), kif ukoll ċertifikat ta' Prattika fl-Awditjar maħruġ mill-Accountancy Board. Importanti wkoll li l-applikanti jippreżentaw evidenza li turi li għandhom mill-inqas ħames snin esperjenza ta' kariġa amministrattiva.

L-applikazzjonijiet, li jridu jinkludu curriculum vitae u l-kondotta tal-pulizija, għandhom jintbagħtu lill-Maniġer, Finanzi u Amministrazzjoni, L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Ir-Ravellin ta' Notre Dame, Il-Furjana FRN 1601, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa**,** 9 ta' Awwissu, 2024. Jintlaqgħu wkoll applikazzjonijiet permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies.nao@gov.mt). L-applikanti għandhom jippreżentaw rekord dettaljat tal-esperjenza ta' xogħol amministrattiv imsemmija fl-applikazzjoni tagħhom u jsostnu l-kwalifiki mniżżla fil-curriculum vitae b'kopji taċ-ċertifkati**.**

Is-6 ta' Awwissu, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Service Officer – Workstation Management and Change Management

Permess tal-Jobsplus 379/2017

MITA qed tfittex persuni biex jingħaqdu mat-timijiet tal-Workstation Management u Change Management.

MITA qed tfittex timpjega persuni biex jaħdmu f'tim u jiffukaw fuq l-aħħar teknoloġiji tal-workstation u tal-ICT. Il-kandidat magħżul jirrelata u jaħdem ma' diversi partijiet interessati fi ħdan il-Gvern kollu ta' Malta, filwaqt li jipprovdi

overseeing the risk management process for financial and compliance audits;

the timely preparation and delivery of the Annual Audit Report on Public Finance and the Annual Report on the Workings of Local Government;

communicating audit opinions and presenting findings and recommendations to senior management and stakeholders;

monitoring and following up the implementation of audit recommendations;

collaborating with senior management to ensure integrated audit activities;

